MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 206/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Alfred Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Darmanin talli fit-18 ta' Frar 2005, ghall-habta ta' 9.50 p.m. u fi granet qabel, bhala l-persuna licenzjata u li tamministra l-fond bl-isem "Shelly's Bar" li jinsab gewwa Triq Sant'Antnin, M'Scala, daqq muzika b'volum gholi fejn dejjaq lill-girien tieghu Agnes u Joe Brincat minn M'Scala;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi daqq muzika amplifikata minghajr licenzja tal-Awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Alfred Darmanin hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal perjodu ta' tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alfred Darmanin pprezentat fit-23 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn sabitu mhux hati tat-tieni imputazzjoni u thassar, tikkancella u tirrevoka dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u lliberatu taht il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur u minflok tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant jistghu jigu migbura hekk: (1) Il-kwerelanti ma kinux f'pozizzjoni li jikkonfermaw la l-kwerela u lanqas il-fatti tal-kaz; (2) Ma ngabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni li l-appellant huwa l-bniedem responsabbli ghall-fond in kwistjoni; (3) Il-konflitt ta' provi ghandu jkun a beneficcju ta' l-appellant.

Dawn l-aggravji jirrisolvu ruhhom f'wiehed ta' apprezzament ta' provi. Din il-Qorti fil-fatt semghet il-provi mill-gdid stante li meta mismugha mill-Ewwel Qorti ma gewx traskritti. In sintesi x-xiehda prodotti qalu kif ser jinghad:

**Agnese Brincat** xehdet li meta l-appellant jiftah il-hanut tieghu jibda jdoqq l-muzika mill-ewwel, anke *light music*. Certi hinijiet jghollilu. Mill-flat taghhom li jigi ezatt fuq il-

hanut jisimghu kollox. Ikkonfermat li l-appellant daqq il-muzika gholja u dan kien li wassal ghall-prezenti proceduri.

**Joe Brincat** xehed li kuljum icemplu l-ghassa jirrapportaw minhabba damdim, storbju, ghajjat barra fil-veranda. Dwar il-kaz tat-18 ta' Frar huwa kkonferma l-kwerela li ghamlu hu u martu u li tinsab a fol. 2 tal-process, u cioe` fejn huma lmentaw li l-appellant kien daqq muzika gholja.

**P.S. 1428 Jesmond Delia** xehed li fit-18 ta' Frar 2005 cemplet l-ghassa Agnese Brincat biex tirrapporta li fil-hanut Shelley's Bar kienet qed tindaq muzika qawwija u ma setghux joqoghdu bi kwiethom u jorqdu. Ix-xhud qal li kien nizel flimkien man-nies tieghu fuq il-post u hemm sab l-antiporta tal-hanut maghluqa, dahlu gewwa fejn kien hemm xi erba' min-nies u kienet ghaddejja muzika fil-*background*. Huwa qal li marru fuq il-post mill-ewwel, f'xi seba' minuti, u meta waslu ma kinitx tinstema' muzika minn barra. Huwa ddeskriva l-muzika li kienet qed tindaqq meta waslu bhala *soft music*. Ix-xhud spjega wkoll li l-appellant ghandu permess biex imexxi bar u jdoqq *background music*.

Issa, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

Wara li din il-Qorti semghet il-provi, ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba l-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti. Agnese

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Brincat ikkonfermat x'wassal ghall-kwerela li saret, Joe Brincat ikkonferma l-kwerela, mix-xiehda ta' P.S. 1428 jirrizulta li l-permess tal-hanut jghajjat lill-appellant u kwantu ghall-konflitt apparenti bejn dak li xehdu l-kwerelanti u dak li xehed P.S. 1428 dwar il-volum tal-muzika, ikollu jinghad li bejn il-hin li Agnese Brincat cemplet l-ghassa u l-hin li waslu l-Pulizija fuq il-post, kien iddekorra ftit tal-hin – ghalkemm, skond kif xehed P.S. 1428, ftit minuti biss. U ghalkemm Agnese Brincat ammettiet li anke *light music* jisimghu mill-appartament taghhom, fil-kaz in ezami din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita li l-volum kien gholi u kien proprju dan li wassalhom biex jitolbu lill-Pulizija tiehu passi kontra l-appellant.

Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan li l-perijodu ta' tliet xhur ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------